SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Ir-Raba' Awla)

6 ta' Marzu 2025 *

"Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji ċivili – Regolament (UE) 2019/1111 – Kamp ta' applikazzjoni – Artikolu 1(1)(b) u (2)(e) – Miżura marbuta mad-dispożizzjoni tal-proprjetajiet ta' wild – Artikolu 7 – Ġurisdizzjoni fil-qasam tar-responsabbiltà tal-ġenituri – Artikolu 10 – Għażla tal-forum – Regolament (UE) Nru 1215/2012 – Kamp ta' applikazzjoni – Artikolu 1(2)(a) – Esklużjoni dwar l-istatus jew il-kapaċità ġuridika ta' persuni fiżiċi – Regoli ta' ġurisdizzjoni previsti fi ftehim bilaterali bejn ir-Repubblika tal-Bulgarija u l-Federazzjoni Russa konkluż qabel l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Bulgarija mal-Unjoni Ewropea – Differenza bejn dawn ir-regoli u dawk previsti mir-Regolament 2019/1111 – Artikolu 351 TFUE – Kunċett ta' 'inkompatibbiltà'"

Fil-Kawża C-395/23 [Anikovi] [i],

li għandha bħala suġġett talba għal deċiżjoni preliminari skont l-Artikolu 267 TFUE, imressqa mis-Sofiyski Rayonen sad (il-Qorti Distrettwali ta' Sofija, il-Bulgarija), permezz ta' deċiżjoni tal-24 ta' Ġunju 2023, li waslet il-Qorti tal-Ġustizzja fid-29 ta' Ġunju 2023, u kkompletata b'digriet tas-6 ta' Frar 2024, li wasal fil-Qorti tal-Ġustizzja fl-istess jum, fil-proċedura

E. A.,

E. A.,

M. I. A.

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Ir-Raba' Awla),

komposta minn K. Lenaerts, President tal-Qorti tal-Ġustizzja, li qiegħed jaġixxi bħala President tar-Raba' Awla, C. Lycourgos, President tat-Tielet Awla, M. L. Arastey-Sahún, Presidenta tal-Ħames Awla, S. Rodin u O. Spineanu-Matei (Relatriċi), Imħallfin,

Avukat Ġenerali: J. Richard de la Tour,

Reġistratur: R. Stefanova-Kamisheva, Amministratriċi,

wara li rat il-proċedura bil-miktub u wara s-seduta tat-12 ta' Settembru 2024,

* Lingwa tal-kawża: il-Bulgaru.

[i] . L-isem ta' din il-kawża huwa fittizju. Dan l-isem ma jikkorrispondi għall-isem reali ta' ebda waħda mill-partijiet fil-proċedura.

wara li kkunsidrat l-osservazzjonijiet ippreżentati:

– għal E. M. A., E. M. A. kif ukoll M. I. A., minn L. S. Tsoncheva, advokat,

– għall-Gvern Spanjol, minn I. Herranz Elizalde u P. Pérez Zapico, bħala aġenti,

– għall-Gvern Ungeriż, minn Zs. Biró-Tóth u M. Z. Fehér, bħala aġenti,

– għall-Kummissjoni Ewropea, minn S. Noë, W. Wils u I. Zaloguin, bħala aġenti,

wara li semgħet il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali, ippreżentati fis-seduta tat-28 ta' Novembru 2024,

tagħti l-preżenti

Sentenza

1 It-talba għal deċiżjoni preliminari tirrigwarda l-interpretazzjoni tal-Artikolu 4(1)(ċ) tar-Regolament (KE) Nru 593/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Ġunju 2008 dwar il-liġi applikabbli għall-obbligazzjonijiet kuntrattwali (Ruma I) (ĠU 2008, L 177, p. 6, rettifika fil-ĠU 2009, L 309, p. 87) (iktar 'il quddiem ir-"Regolament Ruma I"), tal-punt 1 tal-Artikolu 24 tar-Regolament (UE) Nru 1215/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2012 dwar il-ġurisdizzjoni u r-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni ta' sentenzi fi kwistjonijiet ċivili u kummerċjali (ĠU 2012, L 351, p. 1, iktar 'il quddiem ir-"Regolament Brussell Ia"), kif ukoll tal-Artikolu 1(2) (e), u tal-Artikolu 7(1) tar-Regolament tal-Kunsill (UE) 2019/1111 tal-25 ta' Ġunju 2019 dwar il-ġurisdizzjoni, ir-rikonoxximent u l-infurzar ta' deċiżjonijiet fi kwistjonijiet matrimonjali u kwistjonijiet ta' responsabbiltà tal-ġenituri, u dwar sekwestru internazzjonali ta' minuri (ĠU 2019, Vol. 178, p. 1, iktar 'il quddiem ir-"Regolament Brussell IIb").

2 Din it-talba tressqet fil-kuntest ta' proċedura mhux kontenzjuża mressqa f'isem żewġt ulied minuri, E.M.A u E.M.A, bl-għan li tinkiseb l-awtorizzazzjoni minn qorti sabiex ibigħu, bil-kunsens ta' ommhom M.I.A, l-ishma tagħhom fi tliet proprjetajiet immobbli li jinsabu fil-Bulgarija.

Il-kuntest ġuridiku

Id-dritt internazzjonali

3 It-Trattat bejn l-Unjoni tar-Repubbliki Soċjalisti Sovjetiċi u r-Repubblika Popolari tal-Bulgarija dwar l-assistenza ġudizzjarja f'materji ċivili, tal-familja u kriminali, iffirmat f'Moska fid-19 ta' Frar 1975 (*Ġabra tat-Trattati tan-Nazzjonijiet Uniti*, Vol. 1015, Nru 14855, p. 41, iktar 'il quddiem it-"Trattat Russu-Bulgaru"), ġie rratifikat fil-Bulgarija bid-Digriet Nru 784 tal-15 ta' April 1975 (DV Nru 33/1975) u ppubblikat fl-10 ta' Frar 1976 (DV Nru 12/1976, rettifika fid-DV Nru 17/2014). L-Artikolu 25 tiegħu jipprevedi:

"1. Ir-relazzjonijiet legali bejn il-ġenituri u t-tfal huma suġġetti għad-dritt tal-Parti Kontraenti li fit-territorju tagħha għandhom id-domiċilju komuni tagħhom.

[...]

6. L-awtoritajiet tal-Parti Kontraenti li l-minuri huwa ċittadin tagħha, jew li fit-territorju tagħha l-minuri għandu d-domiċilju jew ir-residenza tiegħu, għandu jkollhom il-ġurisdizzjoni li jiddeċiedu dwar ir-relazzjonijiet legali msemmija fil-paragrafi 1, 2, 3, 4 u 5." [traduzzjoni mhux uffiċjali]

4 L-Artikolu 30(2) tat-Trattat Russu-Bulgaru jipprevedi li l-forma ta' tranżazzjoni ta' proprjetà immobbli hija ddeterminata mid-dritt tal-parti kontraenti li fit-territorju tagħha tkun tinsab il-proprjetà immobbli.

Id-dritt tal-Unjoni

Ir-Regolament Ruma I

5 L-Artikolu 4 tar-Regolament Ruma I, intitolat "Liġi applikabbli fin-nuqqas ta' għażla", jipprevedi, fil-paragrafu 1(ċ) tiegħu:

"Sa fejn il-liġi applikabbli għall-kuntratt ma ntgħażlitx skond l-Artikolu 3 u mingħajr preġudizzju għall-Artikoli 5 sa 8, il-liġi li tirregola l-kuntratt għandha tkun determinata kif ġej:

[...]

(ċ) kuntratt relatat ma' dritt *in rem* fuq proprjetà immobbli jew ma' kiri ta' proprjetà immobbli għandu jkun regolat mil-liġi tal-pajjiż li fih tkun tinsab il-proprjetà;

[...]"

Ir-Regolament Brussell Ia

6 L-Artikolu 1(1) tar-Regolament Brussell Ia jipprevedi:

"1. Dan ir-Regolament għandu japplika fi kwistjonijiet ċivili u kummerċjali independentament min-natura tal-qorti jew tat-tribunal. [...]

2. Dan ir-Regolament m'għandux japplika għal:

(a) l-istatus jew il-kapaċità ġuridika ta' persuni fiżiċi, [...]"

7 Skont il-punt 1 tal-Artikolu 24 tar-Regolament Brussell Ia:

"Dawn il-qrati li ġejjin ta' Stat Membru għandu jkollhom ġurisdizzjoni esklużiva, independentement mid-domiċilju tal-partijiet:

1) fi proċedimenti li l-objettiv tagħhom ikunu drittijiet in rem fi proprjetà immobbli jew kirjiet ta' proprjetà immobbli, il-qrati tal-Istat Membru li fih tkun tinstab il-proprjetà.

[...]"

Ir-Regolament Brussell IIb

8 Il-premessi 10, 19, 20 u 91 tar-Regolament Brussell IIb huma fformulati kif ġej:

"(10) Fir-rigward tal-proprjetà tal-minuri, dan ir-Regolament għandu japplika biss għall-miżuri għall-protezzjoni tal-minuri, jiġifieri n-nomina u l-funzjonijiet ta' persuna jew korp li jkollu l-inkarigu tal-proprjetà tal-minuri, li jirrappreżenta jew li jgħin lill-minuri, u l-amministrazzjoni, il-konservazzjoni jew it-trasferiment tal-proprjetà tal-minuri. F'dan il-kuntest, jenħtieġ li dan ir-Regolament, pereżempju, japplika f'każijiet fejn is-suġġett tal-proċedimenti jkun il-ħatra ta' persuna jew korp li jamministra l-proprjetà tal-minuri. Il-miżuri relatati mal-proprjetà tal-minuri li ma jikkonċernawx il-protezzjoni tal-minuri jenħtieġ li jkomplu jiġu rregolati mir-Regolament [Brussell Ia]. Madankollu, jenħtieġ li jkun possibbli li d-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament dwar il-ġurisdizzjoni fuq kwistjonijiet inċidentali japplikaw f'tali każijiet.

[...]

(19) Ir-raġunijiet tal-ġurisdizzjoni fi kwistjonijiet ta' responsabbiltà tal-ġenituri huma ffurmati fid-dawl tal-aħjar interessi tal-minuri u jenħtieġ li jiġu applikati skont dawn. [...]

(20) Sabiex jiġu ssalvagwardjati l-aħjar interessi tal-minuri, jenħtieġ li l-ġurisdizzjoni l-ewwel nett tiġi ddeterminata skont il-kriterju tal-prossimità. Konsegwentement, jenħtieġ li l-Istat Membru tar-residenza abitwali tal-minuri jkollu l-ġurisdizzjoni, ħlief għal ċerti każijiet stabbiliti f'dan ir-Regolament, pereżempju,fejn ikun hemm tibdil fir-residenza tal-minuri jew skont ftehim bejn id-detenturi tar-responsabbiltà tal-ġenituri.

[...]

(91) Huwa mfakkar li għal ftehimiet ma' Stat terz wieħed jew aktar konklużi minn Stat Membru qabel id-data tal-adeżjoni tiegħu mal-Unjoni, japplika l-Artikolu 351 TFUE."

9 L-Artikolu 1 ta' dan ir-regolament, intitolat "Kamp ta' applikazzjoni", jipprevedi:

"1. Dan ir-Regolament japplika f'materji ċivili ta':

(a) id-divorzju, is-separazzjoni legali jew l-annullament taż-żwieġ;

(b) l-attribuzzjoni, l-eżerċizzju, id-delegazzjoni, ir-restrizzjoni jew it-terminazzjoni tar-responsabbiltà tal-ġenituri.

2) Il-materji msemmija fil-punt (b) tal-paragrafu 1 jistgħu, b'mod partikolari, jinkludu:

[...]

e) il-miżuri għall-protezzjoni tal-minuri dwar l-amministrazzjoni, il-konservazzjoni u l-ħelsien tal-proprjetà ta' minuri.

[...]"

10 L-Artikolu 7 tal-imsemmi regolament, intitolat "Ġurisdizzjoni ġenerali", jipprevedi:

"1. Il-qrati ta' Stat Membru għandu jkollhom il-ġurisdizzjoni f'materji ta' responsabbiltà tal-ġenituri dwar minuri li huma abitwalment residenti f'dak l-Istat Membru fil-mument li l-qorti tiġi invokata.

2. Il-Paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu għandu jkun soġġett għall-Artikoli 8 sa 10a."

11 L-Artikolu 10 tar-Regolament Brussell IIb, bit-titolu "Għażla tal-qorti", fil-paragrafu 1 tiegħu jipprevedi:

"Il-qrati ta' Stat Membru għandu jkollhom il-ġurisdizzjoni f'materji ta' responsabbiltà tal-ġenituri meta jiġu ssodisfati l-kondizzjonijiet li ġejjin:

(a) il-minuri jkollu konnessjoni sostanzjali ma' dak l-Istat Membru, partikolarment bis-saħħa tal-fatt li
   (i) tal-inqas wieħed mid-detenturi tar-responsabbiltà tal-ġenituri jkun abitwalment residenti f'dak l-Istat Membru:
   (ii) dak l-Istat Membru ikun ir-residenza abitwali preċedenti tal-minuri; jew
   (iii) il-minuri jkun ċittadin ta' dak l-Istat Membru;

(b) il-partijiet, kif ukoll kwalunkwe detentur ieħor tar-responsabbiltà tal-ġenituri ikunu:
   (i) qablu liberament dwar il-ġurisdizzjoni, sa mhux aktar tard mill-mument li tiġi invokata l-qorti; jew
   (ii) aċċettaw espressament il-ġurisdizzjoni matul il-proċedimenti u l-qorti tkun żgurat li l-partijiet kollha jkunu informati dwar id-dritt tagħhom li ma jaċċettawx il-ġurisdizzjoni; u

(c) l-eżerċizzju tal-ġurisdizzjoni jkun fl-aħjar interessi tal-minuri."

12 Il-Kapitolu VIII ta' dan ir-regolament, li jinkludi l-Artikoli 94 sa 99, jirregola r-relazzjonijiet tal-imsemmi regolament ma' strumenti legali oħra, fosthom ċerti trattati bilaterali konklużi bejn Stati Membri u s-Santa Sede.

Id-dritt Bulgaru

13 Skont l-Artikolu 18 taż-Zakon za zadalzheniata i dogovorite (il-Liġi dwar l-Obbligi u l-Kuntratti), il-kuntratti ta' trasferiment ta' proprjetà jew li jistabbilixxu drittijiet *in rem* oħra li jikkonċernaw proprjetajiet immobbli għandhom jiġu konklużi permezz ta' att notarili.

14 Konformement mal-Artikolu 130(3) tas-Semeen kodeks (il-Kodiċi tal-Familja), l-atti ta' trasferiment li għandhom b'mod partikolari bħala suġġett proprjetajiet immobbli li jappartjenu lil wild jistgħu jitwettqu biss bl-awtorizzazzjoni tar-Rayonen sad (il-Qorti Distrettwali) li fil-ġurisdizzjoni tagħha dan il-wild għandu l-indirizz attwali tiegħu, bil-kundizzjoni li l-att ta' trasferiment ma jmurx kontra l-interessi tiegħu.

Il-kawża prinċipali u d-domandi preliminari

15 Fl-2023, is-Sofiyski Rayonen sad (il-Qorti Distrettwali ta' Sofija, il-Bulgarija), li hija l-qorti tar-rinviju, ġiet adita b'talba mressqa f'isem żewġ ulied minuri ta' nazzjonalità Russa, li r-residenza abitwali tagħhom hija fil-Ġermanja sabiex jiksbu l-awtorizzazzjoni sabiex ibigħu l-ishma li huma għandhom fi tliet proprjetajiet immobbli li jinsabu fil-Bulgarija li huma wirtu wara l-mewt ta' missierhom.

16 Fil-fatt, konformement mal-Artikolu 130(3) tal-Kodiċi tal-Familja, il-bejgħ ta' proprjetajiet immobbli li jappartjenu lil wild għandu, fid-dawl tal-interessi tiegħu, jiġi awtorizzat mir-Rayonen sad (il-Qorti Distrettwali) territorjalment kompetenti, qabel ma jkun jista' jiġi rreġistrat minn nutar skont l-Artikolu 18 tal-Liġi Bulgara dwar l-obbligi u l-kuntratti.

17 Il-qorti tar-rinviju tistaqsi jekk il-qrati Bulgari għandhomx ġurisdizzjoni f'sitwazzjoni bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali. Hija tirrileva, minn naħa, li l-Varhoven kasatsionen sad (il-Qorti Suprema tal-Kassazzjoni, il-Bulgarija) tibbaża l-ġurisdizzjoni tal-qrati Bulgari f'tali sitwazzjoni fuq dispożizzjonijiet tad-dritt intern kif ukoll fuq l-Artikolu 30(2) tat-Trattat Russu-Bulgaru, filwaqt li qorti nazzjonali oħra tinvoka wkoll l-Artikolu 4(1)(ċ) tar-Regolament Ruma I. Il-qorti tar-rinviju tqis madankollu li din l-aħħar dispożizzjoni ma hijiex rilevanti, b'differenza mill-punt 1 tal-Artikolu 24 tar-Regolament Brussell Ia.

18 Min-naħa l-oħra, din il-qorti tosserva li sitwazzjoni bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali tista' wkoll taqa', sakemm ftehim internazzjonali bħat-Trattat Russu-Bulgaru ma jidderogax minnu, fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament Brussell IIb. F'dan l-aħħar każ u konformement mal-Artikolu 7(1) ta' dan ir-regolament, huma l-qrati tal-Istat Membru li fih il-wild għandu r-residenza abitwali tiegħu, f'dan il-każ il-qrati Ġermaniżi, li għandhom ġurisdizzjoni.

19 F'dawn iċ-ċirkustanzi, is-Sofiyski rayonen sad (il-Qorti Distrettwali ta' Sofija) iddeċidiet li tissospendi l-proċeduri quddiemha u li tagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja d-domandi preliminari li ġejjin:

"1) Il-kamp ta' applikazzjoni tad-dispożizzjoni prevista fl-Artikolu 1[(2)](e) tar-Regolament [Brussell IIb] jkopri kwistjonijiet li għandhom jiġu deċiżjoni fil-kuntest ta' proċeduri ta' ġurisdizzjoni volontarja intiżi li tingħata awtorizzazzjoni ġudizzjarja għal att ta' trasferiment, bħal pereżempju bejgħ, ta' proprjetà immobbli jew ta' partijiet indiviżi ta' proprjetà immobbli li jkunu jappartjenu lil minuri?

2) Liema regolament jiddetermina l-ġurisdizzjoni internazzjonali ta' qorti ta' Stat Membru tal-Unjoni Ewropea fil-kuntest ta' proċeduri ta' ġurisdizzjoni volontarja intiżi li tingħata awtorizzazzjoni ġudizzjarja għal att ta' trasferiment, bħal pereżempju bejgħ, ta' proprjetà immobbli jew ta' partijiet indiviżi ta' proprjetà immobbli li jkunu jappartjenu lil minuri? Din il-ġurisdizzjoni internazzjonali tappartjeni lill-qorti tal-post fejn il-minuri jkollu r-residenza abitwali tiegħu, bis-saħħa tal-Artikolu 7(1) tar-Regolament [Brussell IIb], jew lill-qorti tal-post fejn tkun tinsab il-proprjetà, bis-saħħa tal-[punt 1 tal-Artikolu 4] tar-Regolament [Ruma I] jew bis-saħħa tal-punt 1 tal-Artikolu 24 tar-Regolament [Brussell Ia]?

3) Trattat internazzjonali bilaterali bejn Stat Membru (ir-Repubblika tal-Bulgarija) u pajjiż terz (l-Unjoni Sovjetika, rispettivament il-Federazzjoni Russa), konkluż qabel l-adeżjoni tal-Istat Membru mal-Unjoni, jidderoga mid-dispożizzjonijiet tar-Regolament [Brussell IIb] dwar il-ġurisdizzjoni internazzjonali fil-qasam tar-responsabbiltà tal-ġenituri f'sitwazzjoni fejn dan it-trattat internazzjonali ma jissemmiex fil-Kapitolu VIII [ta' dan ir-regolament]?"

Fuq id-domandi preliminari

Fuq l-ewwel u t-tieni domanda

20 Preliminarjament, għandu jiġi rrilevat li, għalkemm it-tieni domanda ssemmi l-Artikolu 4(1)(ċ) tar-Regolament Ruma I, il-qorti tar-rinviju tispjega li hija ma għamlitx riferiment għal din id-dispożizzjoni għaliex qorti Bulgara bbażat il-ġurisdizzjoni tagħha fuqha, iżda ma għandha ebda dubju dwar il-fatt li l-imsemmija dispożizzjoni, li tirrigwarda effettivament il-liġi applikabbli u mhux il-ġurisdizzjoni, ma hijiex rilevanti sabiex tiġi riżolta t-tieni domanda, b'mod differenti mill-punt 1 tal-Artikolu 24 tar-Regolament Brussell 1a.

21 Għandu jiġi rrilevat ukoll li, kif jirriżulta mid-deċiżjoni tar-rinviju u kif ġie kkonfermat waqt is-seduta mill-avukat tal-omm u taż-żewġt ulied ikkonċernati, waħda minn dawn l-ulied saret maġġorenni matul il-proċedura.

22 F'dawn iċ-ċirkustanzi, għandu jitqies li, permezz tal-ewwel u tat-tieni domanda tagħha li għandhom jiġu ttrattati flimkien, il-qorti tar-rinviju tistaqsi, essenzjalment, jekk l-awtorizzazzjoni ġudizzjarja, mitluba f'isem wild minuri residenti abitwalment fi Stat Membru, għall-bejgħ tal-ishma li dan il-wild għandu fi proprjetajiet immobbli li jinsabu fi Stat Membru ieħor taqax fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament Brussell IIb jew ta' dak tar-Regolament Brussell Ia.

23 Skont l-Artikolu 1 tar-Regolament Brussell IIb, dan tal-aħħar japplika għall-materji ċivili relatati, b'mod partikolari, mal-eżerċizzju tar-responsabbiltà tal-ġenituri. Skont l-Artikolu 1(2)(e) ta' dan ir-regolament, dawn il-kwistjonijiet jikkonċernaw b'mod partikolari l-"miżuri għall-protezzjoni tal-minuri dwar l-amministrazzjoni, il-konservazzjoni u l-ħelsien tal-proprjetà ta' minuri."

24 Ir-Regolament Brussell Ia jirregola, skont l-Artikolu 1(1) tiegħu, il-materji ċivili u kummerċjali tkun xi tkun in-natura tal-qorti adita, filwaqt li għandu jiġi ppreċiżat li jirriżulta b'mod partikolari mill-punt 1 tal-Artikolu 24 tiegħu, li l-materji ċivili u kummerċjali jinkludu d-"drittijiet in rem fi proprjetà immobbli". L-Artikolu 1(2)(a) tar-Regolament Brussell Ia jeskludi mill-kamp ta' applikazzjoni tiegħu "l-istatus jew il-kapaċità ġuridika ta' persuni fiżiċi".

25 F'dan il-każ, kif jirriżulta mid-deċiżjoni tar-rinviju, awtorizzazzjoni ġudizzjarja bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali hija miżura meħuda fid-dawl tal-istatus u tal-kapaċità tal-wild minuri, li hija intiża li tipproteġi l-aħjar interessi tiegħu. Mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja jirriżulta li, peress li n-neċessità li tinkiseb din l-awtorizzazzjoni hija b'hekk konsegwenza diretta ta' dan l-istatus u ta' din il-kapaċità, l-imsemmija awtorizzazzjoni tikkostitwixxi, indipendentement mill-qasam tal-att ġuridiku kkonċernat minn din l-awtorizzazzjoni, miżura ta' protezzjoni tal-minuri marbuta mal-amministrazzjoni, mal-konservazzjoni jew mat-trasferiment tal-proprjetà tiegħu fil-kuntest tal-eżerċizzju tar-responsabbiltà tal-ġenituri, fis-sens tal-Artikolu 1(2)(e) tar-Regolament Brussell IIb, u li tirrigwarda direttament il-kapaċità tal-persuna fiżika kkonċernata, fis-sens tal-Artikolu 1(2) (a)

tar-Regolament Brussell Ia (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tat-3 ta' Ottubru 2013, Schneider, C-386/12, EU:C:2013:633, punt 26, u tas-6 ta' Ottubru 2015, Matoušková, C-404/14, EU:C:2015:653, punti 28 sa 31).

26 Fid-dawl ta' dawn l-elementi u tal-intenzjoni tal-leġiżlatur tal-Unjoni, kif espressa fil-premessa 10 tar-Regolament Brussell IIb, awtorizzazzjoni ġudizzjarja bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-regolament, bl-esklużjoni tar-Regolament Brussell Ia.

27 F'dawn iċ-ċirkustanzi, konformement mal-Artikolu 7(1) tar-Regolament Brussell IIb, huma l-qrati tal-Istat Membru li fih il-wild jirrisjedi abitwalment fil-mument li fih il-qorti hija adita li għandhom, bħala prinċipju, ġurisdizzjoni sabiex joħorġu tali awtorizzazzjoni.

28 Fid-dawl tal-motivi preċedenti, ir-risposta għall-ewwel u għat-tieni domanda għandha tkun li r-Regolament Brussell IIb għandu jiġi interpretat fis-sens li l-awtorizzazzjoni ġudizzjarja, mitluba f'isem wild minuri residenti abitwalment fi Stat Membru, għall-bejgħ tal-ishma li dan il-wild għandu fi proprjetajiet immobbli li jinsabu fi Stat Membru ieħor taqa' taħt il-qasam tar-responsabbiltà tal-ġenituri, fis-sens tal-Artikolu 1(1)(b) ta' dan ir-regolament, sa fejn din tikkonċerna l-miżuri ta' protezzjoni msemmija fil-paragrafu 2(e) ta' dan l-artikolu, b'tali mod li, skont l-Artikolu 7(1) tal-imsemmi regolament, huma l-qrati tal-Istat Membru li fih il-wild jirrisjedi abitwalment fil-mument li fih il-qorti hija adita li, bħala prinċipju, għandhom ġurisdizzjoni sabiex joħorġu tali awtorizzazzjoni.

Fuq it-tielet domanda

29 Permezz tat-tielet domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju tixtieq tkun taf jekk trattat bilaterali konkluż bejn Stat Membru u Stat terz qabel l-adeżjoni ta' dan l-Istat Membru mal-Unjoni jistax jidderoga mid-dispożizzjonijiet tar-Regolament Brussell IIb minkejja li ma huwiex imsemmi fil-Kapitolu VIII ta' dan ir-regolament.

Fuq l-ammissibbiltà

30 Fl-osservazzjonijiet bil-miktub tiegħu, il-Gvern Spanjol jistaqsi dwar l-ammissibbiltà tat-tielet domanda sa fejn din tal-aħħar ma hijiex marbuta mas-suġġett tal-kawża prinċipali u sa fejn il-qorti tar-rinviju ma stabbilixxietx l-eżistenza ta' rabta bejn it-Trattat Russu-Bulgaru u kwalunkwe dispożizzjoni tad-dritt tal-Unjoni.

31 F'dan ir-rigward, għandu jitfakkar li huma biss il-qrati nazzjonali, li quddiemhom tressqet il-kawża u li għandhom ir-responsabbiltà li jagħtu d-deċiżjoni ġudizzjarja, li għandhom jiddeterminaw, fid-dawl taċ-ċirkustanzi partikolari ta' kull kawża, kemm il-ħtieġa għal deċiżjoni preliminari sabiex ikunu jistgħu jagħtu d-deċiżjoni tagħhom kif ukoll ir-rilevanza tad-domandi li huma jagħmlu lill-Qorti tal-Ġustizzja. Minn dan isegwi li d-domandi li jirrigwardaw id-dritt tal-Unjoni jibbenefikaw minn preżunzjoni ta' rilevanza. Il-Qorti tal-Ġustizzja tista' tirrifjuta li tagħti deċiżjoni dwar domanda preliminari magħmula minn qorti nazzjonali biss fil-każ li jkun jidher b'mod manifest li l-interpretazzjoni mitluba tad-dritt tal-Unjoni ma għandha ebda rabta mar-realtà jew mas-suġġett tat-tilwima fil-kawża prinċipali, meta l-problema tkun ta' natura ipotetika jew inkella meta l-Qorti tal-Ġustizzja ma jkollhiex il-punti ta' fatt u ta' liġi meħtieġa sabiex tagħti risposta utli għad-domandi li jkunu sarulha (sentenza tat-23 ta' Novembru 2021, IS (Illegalità tad-digriet tar-rinviju), C-564/19, EU:C:2021:949, punti 60 u 61 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

32 Skont ġurisprudenza stabbilita, li hija riflessa fl-Artikolu 94(a) u (b) tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja, in-neċessità li tingħata interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni li tkun utli għall-qorti nazzjonali teħtieġ li l-Qorti tal-Ġustizzja tiddefinixxi l-kuntest fattwali u leġiżlattiv tad-domandi magħmula jew, tal-inqas, tispjega ċ-ċirkustanzi fattwali li fuqhom huma bbażati dawn id-domandi. Barra minn hekk, huwa indispensabbli, hekk kif jistipula l-Artikolu 94(ċ) tar-Regoli tal-Proċedura, li t-talba għal deċiżjoni preliminari tesponi r-raġunijiet li wasslu sabiex il-qorti tar-rinviju jkollha dubji dwar l-interpretazzjoni jew il-validità ta' ċerti dispożizzjonijiet tad-dritt tal-Unjoni, kif ukoll tar-rabta li hija tistabbilixxi bejn dawn id-dispożizzjonijiet u l-leġiżlazzjoni nazzjonali applikabbli għat-tilwima fil-kawża prinċipali (sentenza tal-21 ta' Diċembru 2023, European Superleague Company, C-333/21, EU:C:2023:1011, punt 59 u l-ġurisprudenza ċċitata).

33 F'dan il-każ, kif indika essenzjalment il-Gvern Spanjol fl-osservazzjonijiet bil-miktub tiegħu, il-qorti tar-rinviju ma ssemmix espressament, fit-tielet domanda preliminari tagħha, id-dispożizzjoni tat-Trattat Russu-Bulgaru li tista' tkun f'kunflitt mar-regola ta' ġurisdizzjoni prevista fl-Artikolu 7(1) tar-Regolament Brussell IIb, li din hija l-unika regola invokata minn din il-qorti fil-każ li dan ir-regolament ikollu japplika.

34 Madankollu, fil-motivi tad-deċiżjoni tar-rinviju ddedikati għall-espożizzjoni tal-kuntest ġuridiku tal-kawża inkwistjoni, il-qorti tar-rinviju tiċċita l-Artikoli 25 u 30 ta' dan it-trattat. Minn naħa, hija tesponi li mill-ġurisprudenza nazzjonali jirriżulta li, bis-saħħa tad-dispożizzjonijiet tad-dritt intern kif ukoll tal-Artikolu 30(2) tal-imsemmi trattat, il-qrati Bulgari jiddikjaraw li għandhom ġurisdizzjoni, bħala l-qorti tal-Istat li fit-territorju tiegħu tkun tinsab il-proprjetà immobbli, sabiex jagħtu l-awtorizzazzjoni prevista fl-Artikolu 130(3) tal-Kodiċi tal-Familja.

35 Mill-banda l-oħra, mill-Artikolu 25(6) tat-Trattat Russu-Bulgaru jirriżulta li, fid-dawl tal-fatt li, fil-kawża prinċipali, il-wild minuri għandha r-residenza abitwali tagħha fi Stat li ma huwiex parti kontraenti fit-Trattat Russu-Bulgaru, jiġifieri r-Repubblika Federali tal-Ġermanja, l-organi ġudizzjarji tal-parti kontraenti li tagħha din il-wild hija ċittadina, f'dan il-każ l-organi ġudizzjarji Russi, jistgħu wkoll, kif indikat il-Kummissjoni fl-osservazzjonijiet bil-miktub tagħha, ikollhom ġurisdizzjoni skont din id-dispożizzjoni tat-Trattat sabiex jagħtu l-awtorizzazzjoni mitluba.

36 Ir-regola ta' ġurisdizzjoni msemmija fl-Artikolu 7(1) tar-Regolament Brussell IIb tipprevedi, kif ġie indikat fil-punt 27 ta' din is-sentenza, il-ġurisdizzjoni bħala prinċipju tal-qrati tal-Istat Membru li fit-territorju tiegħu l-wild jirrisjedi abitwalment, f'dan il-każ, il-qrati Ġermaniżi.

37 Peress li din id-dispożizzjoni tipprevedi ġurisdizzjoni differenti minn dik li tista' tirriżulta mill-Artikolu 25(6) tat-Trattat Russu-Bulgaru kif ukoll minn dik li tirriżulta, skont il-ġurisprudenza nazzjonali ċċitata fit-talba għal deċiżjoni preliminari, mill-Artikolu 30(2) ta' dan it-trattat, mit-tielet domanda, mill-motivazzjoni tagħha u mill-kuntest ġuridiku espost mill-qorti tar-rinviju jirriżulta b'ċarezza suffiċjenti li din id-domanda hija marbuta mas-suġġett tal-kawża prinċipali minħabba l-eżistenza ta' regoli ta' ġurisdizzjoni differenti bejn id-dritt tal-Unjoni u l-imsemmi trattat u li l-problema mqajma hemmhekk ma hijiex purament ipotetika.

38 F'dawn iċ-ċirkustanzi, għandu jitqies li r-raba' domanda hija ammissibbli.

Fuq il-mertu

39 Skont ġurisprudenza stabbilita, fil-kuntest tal-proċedura ta' kooperazzjoni bejn il-qrati nazzjonali u l-Qorti tal-Ġustizzja stabbilita fl-Artikolu 267 TFUE, hija din tal-aħħar li għandha tagħti lill-qorti nazzjonali risposta utli li tgħinha tiddeċiedi l-kawża quddiemha. Għal dan il-għan, jekk ikun il-każ, hija l-Qorti tal-Ġustizzja li għandha tifformula mill-ġdid id-domandi li jkunu sottomessi lilha. Barra minn hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja tista' tieħu inkunsiderazzjoni regoli tad-dritt tal-Unjoni li l-qorti nazzjonali ma tkunx għamlet riferiment għalihom fid-domanda tagħha (sentenza tal-15 ta' Lulju 2021, Ministrstvo za obrambo, C-742/19, EU:C:2021:597, punt 31).

40 Il-fatt li qorti nazzjonali tkun ifformulat, minn perspettiva formali, domanda preliminari billi rreferiet għal ċerti dispożizzjonijiet tad-dritt tal-Unjoni ma jipprekludix lill-Qorti tal-Ġustizzja milli tipprovdi lil din il-qorti l-punti kollha ta' interpretazzjoni li jistgħu jkunu utli għad-deċiżjoni tal-kawża quddiemha, indipendentement minn jekk għamlitx riferiment għalihom fid-domandi tagħha. F'dan ir-rigward, hija l-Qorti tal-Ġustizzja li għandha tislet, mill-informazzjoni kollha pprovduta mill-qorti nazzjonali, u b'mod partikolari mill-motivazzjoni tad-deċiżjoni tar-rinviju, il-punti tad-dritt tal-Unjoni li jeħtieġu interpretazzjoni fir-rigward tas-suġġett tat-tilwima (sentenza tat-22 ta' Diċembru 2022, Ministre de la Transition écologique u Premier ministre (Responsabbiltà tal-Istat għat-tniġġis tal-arja), C-61/21, EU:C:2022:1015, punt 34 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

41 Għandu jiġi enfasizzat li l-qorti tar-rinviju essenzjalment immotivat it-tielet domanda tagħha billi rrilevat li, għalkemm il-Kapitolu VIII tar-Regolament Brussell IIb jirregola, konformement mat-titolu tiegħu, ir-relazzjonijiet ta' dan ir-regolament ma' "strumenti oħra", dawk imsemmija f'dan il-kapitolu ma jikkonċernaw ebda trattat bilaterali konkluż bejn Stat Membru u Stat terz, bħat-Trattat Russu-Bulgaru, bl-eċċezzjoni tat-trattati bilaterali konklużi minn ċerti Stati Membri mas-Santa Sede, li ma humiex rilevanti f'dan il-każ.

42 Madankollu, mill-premessa 91 tar-Regolament Brussell IIb jirriżulta li, għall-ftehimiet ma' Stat terz wieħed jew iktar konklużi minn Stat Membru qabel id-data tal-adeżjoni tiegħu mal-Unjoni, japplika l-Artikolu 351 TFUE.

43 F'dawn iċ-ċirkustanzi, għandu jitqies li, permezz tat-tielet domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju tistaqsi, essenzjalment, jekk l-Artikolu 351 TFUE għandux jiġi interpretat fis-sens li jirregola r-relazzjonijiet ta' trattat bilaterali konkluż bejn Stat Membru u Stat terz qabel l-adeżjoni ta' dan l-Istat Membru mal-Unjoni mar-Regolament Brussell IIb meta tali trattat ma jkunx imsemmi fil-Kapitolu VIII ta' dan ir-regolament u, fl-affermattiv, f'liema ċirkustanzi dan it-trattat jista' jidderoga mill-imsemmi regolament.

44 L-ewwel paragrafu tal-Artikolu 351 TFUE jistipula, li d-drittijiet u obbligi li jirriżultaw minn ftehimiet konklużi qabel l-1 ta' Jannar 1958 jew, għall-Istati aderenti, qabel id-data tal-adeżjoni tagħhom, bejn Stat Membru wieħed jew iktar, minn naħa, u Stat mhux membru wieħed jew iktar, min-naħa l-oħra, ma humiex affettwati mid-dispożizzjonijiet tat-Trattati. It-tieni paragrafu ta' dan l-artikolu jispeċifika li, sa fejn dawn il-ftehimiet ma' jkunux kompatibbli mat-Trattati, l-Istat Membru jew Stati Membri inkwistjoni għandhom jieħdu l-miżuri opportuni sabiex titneħħa l-inkompatibbiltà li tista' tinstab. Jekk ikun hemm bżonn, l-Istati Membri għandhom jgħinu lil xulxin sabiex jintlaħaq dan il-għan, u fejn ikun opportun, għandhom jadottaw linja komuni.

45 Mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja dwar l-Artikolu 351 TFUE jirriżulta li din id-dispożizzjoni hija intiża sabiex tippermetti lill-Istati Membri jirrispettaw id-drittijiet li l-Istati terzi jisiltu, konformement mad-dritt internazzjonali, mill-konvenzjonijiet preċedenti għall-adeżjoni ta' dawn l-Istati Membri mal-Unjoni u josservaw l-obbligi korrispondenti tagħhom (ara, b'mod partikolari, f'dan is-sens, is-sentenzi tad-9 ta' Frar 2012, Luksan, C-277/10, EU:C:2012:65, punt 61, tat-13 ta' Jannar 2022, MIUR u Ufficio Scolastico Regionale per la Campania, C-282/19, EU:C:2022:3, punt 55, kif ukoll tal-14 ta' Marzu 2024, Il-Kummissjoni vs Ir-Renju Unit (sentenza tal-Qorti Suprema), C-516/22, EU:C:2024:231, punt 60).

46 Barra minn hekk, l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 351 TFUE huwa regola li tista', meta l-kundizzjonijiet għall-applikazzjoni tagħha jkunu ssodisfatti, tippermetti derogi mill-applikazzjoni ta' kwalunkwe dispożizzjoni tad-dritt tal-Unjoni, kemm fir-rigward tad-dritt primarju kif ukoll fir-rigward tad-dritt sekondarju (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-28 ta' Ottubru 2022, Generalstaatsanwaltschaft München (Estradizzjoni u *ne bis in idem*) (C-435/22 PPU, EU:C:2022:852, punti 119 u 121 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

47 Il-Qorti tal-Ġustizzja madankollu speċifikat li, għalkemm regola tad-dritt tal-Unjoni tista', għaldaqstant, tiġi nnewtralizzata minn konvenzjoni internazzjonali, abbażi tal-ewwel paragrafu tal-Artikolu 351 TFUE, dan huwa biss bil-kundizzjoni doppja li din tkun konvenzjoni konkluża qabel id-dħul fis-seħħ tat-Trattati tal-Unjoni fl-Istat Membru kkonċernat u li l-Istat terz ikkonċernat jislet, minn din il-konvenzjoni, drittijiet li huwa jista' jeżiġi l-osservanza tagħhom minn dan l-Istat Membru (sentenza tal-14 ta' Marzu 2024, Il-Kummissjoni vs Ir-Renju Unit (sentenza tal-Qorti Suprema), C-516/22, EU:C:2024:231, punt 64 u l-ġurisprudenza ċċitata).

48 Il-Qorti tal-Ġustizzja indikat ukoll li huma l-qrati tal-Istati Membri li għandhom jivverifikaw jekk eventwali inkompatibbiltà bejn id-dritt tal-Unjoni u konvenzjoni internazzjonali msemmija fl-Artikolu 351 TFUE tistax tiġi evitata billi din tingħata, sa fejn ikun possibbli u fl-osservanza tad-dritt internazzjonali, b'mod konformi mad-dritt tal-Unjoni. Jekk ma jkunux jistgħu jagħtu interpretazzjoni konformi tal-Konvenzjoni, l-Istati Membri huma, skont it-tieni paragrafu tal-Artikolu 351 TFUE, obbligati jieħu l-miżuri neċessarji sabiex telimina l-inkompatibbiltà ta' din il-konvenzjoni u d-dritt tal-Unjoni, jekk ikun il-każ billi jiddenunzjawha. Madankollu, fl-istennija ta' tali eliminazzjoni, l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 351 TFUE jawtorizzaha tkompli tapplika din il-konvenzjoni (sentenza tat-22 ta' Ottubru 2020, Ferrari, C-720/18 u C-721/18, EU:C:2020:854, punti 68 u 69 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

49 Mill-punti 44 sa 48 ta' din is-sentenza jirriżulta li, meta trattat konkluż bejn Stat Membru u Stat terz wieħed jew iktar qabel id-data tal-adeżjoni ta' dan l-Istat Membru mal-Unjoni ma jkunx imsemmi f'att tad-dritt tal-Unjoni, l-Artikolu 351 TFUE huwa, bħala dispożizzjoni ġenerali tad-dritt primarju, intiż li jirregola, kif tfakkar, fir-rigward tar-Regolament Brussell IIb, il-premessa 91 ta' dan ir-regolament, ir-relazzjonijiet bejn dan l-att u dan it-trattat. Bla ħsara għall-fatt li Stat terz li huwa parti f'tali trattat jislet minnu drittijiet li huwa jista' jeżiġi l-osservanza tagħhom mill-Istat Membru inkwistjoni, l-Artikolu 351 TFUE jippermetti lil dan l-Istat Membru japplika r-regoli ta' dan it-trattat anki jekk dawn ikunu, fin-nuqqas ta' interpretazzjoni konformi mad-dritt tal-Unjoni, inkompatibbli ma' dan tal-aħħar. F'każ ta' inkompatibbiltà, l-imsemmi Stat Membru jista' jkompli japplika r-regoli tal-imsemmi trattat sakemm jidħlu fis-seħħ il-miżuri neċessarji sabiex tiġi eliminata din l-inkompatibbiltà.

50 F'dan il-każ, fl-ewwel lok, hija l-qorti tar-rinviju li għandha tivverifika jekk it-Trattat Russu-Bulgaru konkluż mir-Repubblika tal-Bulgarija qabel l-adeżjoni tagħha mal-Unjoni jinkludix regoli li l-Federazzjoni Russa tista' teżiġi l-osservanza tagħhom minn dan l-Istat Membru.

51 Jekk dan kellu jkun il-każ, tkun, fit-tieni lok, il-qorti tar-rinviju li għandha tivverifika jekk it-Trattat Russu-Bulgaru huwiex inkompatibbli mar-Regolament Brussell IIb sa fejn dawn iż-żewġ strumenti legali ma jippreveduxl-istess qorti li għandu ġurisdizzjoni fiċ-ċirkustanzi tal-kawża prinċipali.

52 Fil-kuntest ta' din il-verifika, għandu jittieħed inkunsiderazzjoni mhux biss l-Artikolu 7(1) tar-Regolament Brussell IIb, iżda wkoll l-Artikolu 7(2) tiegħu, li jipprevedi li l-paragrafu 1 ta' dan l-artikolu "għandu jkun soġġett għall-Artikoli 8 sa 10a" ta' dan ir-regolament, formulazzjoni li tirrifletti, kif jirriżulta mill-premessa 20 tal-imsemmi regolament, ir-rieda tal-leġiżlatur tal-Unjoni li jipprevedi, f'ċerti sitwazzjonijiet, il-ġurisdizzjoni ta' qrati differenti minn dawk tal-post ta' residenza abitw10ali tal-wild, peress li dawn tal-aħħar huma indikati skont il-kriterju tal-qrubija.

53 F'dan ir-rigward, l-Artikolu 10(1) tar-Regolament Brussell IIb jipprevedi li l-qrati ta' Stat Membru għandhom ġurisdizzjoni fi kwistjonijiet ta' responsabbiltà tal-ġenituri meta jiġu ssodisfatti tliet kundizzjonijiet.

54 Skont il-punt (a) ta' din id-dispożizzjoni, il-wild ikkonċernat għandu jkollu konnessjoni sostanzjali ma' dan l-Istat Membru, filwaqt li għandu jiġi ppreċiżat li, minħabba l-espressjoni "partikolarment", il-lista tat-tliet każijiet f'dan il-punt (a) ma hijiex ta' natura eżawrjenti, u l-eżistenza ta' konnessjoni sostanzjali tista' għalhekk tiġi kkonstatata wkoll abbażi ta' element ieħor li huwa rilevanti fil-kuntest tal-proċedura li għaliha l-għażla tal-qorti prevista fl-Artikolu 10 tar-Regolament Brussell IIb hija mfittxija u li tiġġenera rabta konkreta u importanti bejn l-imsemmi Stat Membru u l-interessi personali ta' dan il-wild.

55 L-imsemmija dispożizzjoni tipprevedi li l-partijiet jew kwalunkwe detentur ieħor tar-responsabbiltà tal-ġenituri għandhom, skont il-punt (b)(i) tagħha jew ikunu qablu liberament dwar il-ġurisdizzjoni, mhux iktar tard mill-mument meta l-qorti tkun ġiet adita skont il-punt (b)((i) tagħha, jew ikunu aċċettaw espressament il-ġurisdizzjoni matul il-proċedura, f'liema każ il-qorti għandha tiżgura f'dan l-aħħar każ li l-partijiet kollha jkunu ġew informati bid-dritt tagħhom li ma jaċċettawx il-ġurisdizzjoni tagħha (ii).

56 Fir-rigward tal-punt (c) tal-istess dispożizzjoni, dan jipprevedi li l-ġurisdizzjoni tal-qorti kkonċernata għandha tiġi eżerċitata fl-aħjar interessi tal-wild. Dan il-punt jirrifletti l-premessa 19 tar-Regolament Brussell IIb, li tistabbilixxi b'mod partikolari li r-regoli ta' ġurisdizzjoni fil-qasam tar-responsabbiltà tal-ġenituri huma fformati skont l-aqwa interessi tal-minuri. Minn dan isegwi li l-ġurisdizzjoni għandha tiġi ddeterminata, qabel kollox, skont dan l-aħjar interessi. Dan jista' jiġi żgurat biss permezz ta' eżami, f'kull każ partikolari, tal-kwistjoni dwar jekk l-għażla tal-qorti mfittxija abbażi tal-Artikolu 10(1) ta' dan ir-regolament hijiex konformi mal-imsemmi interessi (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-1 ta' Ottubru 2014, E., C-436/13, EU:C:2014:2246, punti 45 u 47).

57 Il-qorti tar-rinviju tista', għalhekk, tirrikonoxxi li għandha ġurisdizzjoni skont ir-Regolament Brussell IIb sakemm hija tiżgura ruħha, l-ewwel, li teżisti, fil-kuntest tal-proċedura mressqa quddiemha, rabta konkreta u sinjifikattiva bejn ir-Repubblika tal-Bulgarija u l-interessi personali

tal-wild ikkonċernat, kif jista' jkun il-każ minħabba l-fatt li dan il-wild għandu ishma fi proprjetajiet immobbli li jinsabu fit-territorju ta' dan l-Istat Membru, it-tieni, li, fid-dawl tal-assenza ta' konvenut fi proċedura mhux kontenzjuża bħal dik fil-kawża prinċipali, omm il-wild minuri, bħala l-uniku detentur tar-responsabbiltà tal-ġenituri, taċċetta espressament, matul il-proċedura, il-ġurisdizzjoni tal-imsemmija qorti wara li tkun ġiet infurmata bid-dritt tagħha li ma taċċettahiex u, it-tielet, li din il-ġurisdizzjoni tiġi eżerċitata fl-aħjar interessi tal-wild.

58 Jekk il-qorti tar-rinviju kellha tqis li, fil-kawża prinċipali, it-Trattat Russu-Bulgaru huwa inkompatibbli mar-Regolament Brussell IIb sa fejn jagħti l-ġurisdizzjoni lil qrati differenti minn dawk indikati mill-Artikoli 7 sa 10 ta' dan ir-regolament, hija jkollha teżamina, fit-tielet lok, konformement mal-ġurisprudenza mfakkra fil-punt 48 ta' din is-sentenza, jekk din l-inkompatibbiltà tistax tiġi evitata permezz ta' interpretazzjoni konformi ta' dan it-trattat mal-imsemmi regolament. Fin-negattiv u jekk ma għandhiex is-setgħa li telimina hija stess din l-inkompatibbiltà, il-qorti tar-rinviju tkun tista', fir-raba' lok, tapplika r-regoli tal-imsemmi trattat u tinjora dawk tar-Regolament Brussell IIb.

59 Madankollu, għandu jiġi enfasizzat li, għalkemm il-qrati tal-Istati Membri huma ċertament obbligati jivverifikaw jekk eventwali inkompatibbiltà bejn id-dritt tal-Unjoni u konvenzjoni bilaterali preċedenti, bħat-Trattat Russu-Bulgaru, tistax tiġi evitata billi din il-konvenzjoni tingħata, sa fejn ikun possibbli u b'osservanza tad-dritt internazzjonali, interpretazzjoni konformi mad-dritt tal-Unjoni, huma ma humiex obbligati jivverifikaw jekk eventwali inkompatibbiltà bejn id-dritt tal-Unjoni u tali konvenzjoni tistax tiġi evitata billi d-dritt tal-Unjoni jiġi interpretat jew applikat b'mod li jkun konformi mal-imsemmija konvenzjoni.

60 B'hekk, il-qorti tar-rinviju ma għandhiex tirrikorri għall-possibbiltà, imsemmija fil-punt 57 ta' din is-sentenza, li tirrikonoxxi li għandha ġurisdizzjoni skont l-Artikolu 10(1)(a), (b)(ii) u (c) tar-Regolament Brussell IIb, minflok ma tapplika r-regola ta' ġurisdizzjoni ġenerali stabbilita fl-Artikolu 7(1) ta' dan ir-regolament, bl-għan li tirrikonċilja d-dritt tal-Unjoni mat-Trattat Russu-Bulgaru u li tikkonstata, b'dan il-mod, li, fiċ-ċirkustanzi tat-tilwima fil-kawża prinċipali, l-imsemmi trattat huwa kompatibbli mad-dritt tal-Unjoni sa fejn kemm wieħed u l-ieħor jipprevedu l-istess qorti li għandha ġurisdizzjoni fil-kuntest ta' din it-tilwima.

61 Fid-dawl tal-motivi preċedenti, ir-risposta għat-tielet domanda għandha tkun li l-Artikolu 351 TFUE għandu jiġi interpretat fis-sens li jirregola r-relazzjonijiet ta' trattat konkluż bejn Stat Membru u Stat terz wieħed jew iktar qabel id-data tal-adeżjoni ta' dan l-Istat Membru mal-Unjoni mar-Regolament Brussell IIb peress li dan it-trattat, għalkemm ma huwiex imsemmi fil-Kapitolu VIII ta' dan ir-regolament, jagħti drittijiet li Stat terz parti għall-imsemmi trattat jista' jeżiġi l-osservanza tagħhom mill-Istat Membru kkonċernat. Fil-każ ta' inkompatibbiltà bejn tali trattat u r-Regolament Brussell IIb, li ma jistax jiġi evitat minn qorti ta' dan l-Istat Membru fil-kuntest ta' proċedura pendenti quddiemha li taqa' taħt qasam irregolat kemm minn dan it-trattat kif ukoll minn dan ir-regolament, din il-qorti tista' tapplika r-regoli tal-imsemmi trattat għad-detriment ta' dawk stabbiliti mill-imsemmi regolament, sakemm il-miżuri neċessarji sabiex tiġi eliminata din l-inkompatibbiltà ma jkunux daħlu fis-seħħ, filwaqt li jiġi ppreċiżat li l-imsemmi Stat Membru għandu jirrikorri għall-mezzi kollha xierqa għall-finijiet tal-adozzjoni u tal-implementazzjoni ta' tali miżuri.

Fuq l-ispejjeż

62 Peress li l-proċedura għandha, fir-rigward tal-partijiet fil-kawża prinċipali, in-natura ta' kwistjoni mqajma quddiem il-qorti tar-rinviju, hija din il-qorti li tiddeċiedi fuq l-ispejjeż. L-ispejjeż sostnuti għas-sottomissjoni tal-osservazzjonijiet lill-Qorti tal-Ġustizzja, barra dawk tal-imsemmija partijiet, ma jistgħux jitħallsu lura.

Għal dawn il-motivi, Il-Qorti tal-Ġustizzja (Ir-Raba' Awla) taqta' u tiddeċiedi:

1) **Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2019/1111 tal-25 ta' Ġunju 2019 dwar il-ġurisdizzjoni, ir-rikonoxximent u l-infurzar ta' deċiżjonijiet fi kwistjonijiet matrimonjali u kwistjonijiet ta' responsabbiltà tal-ġenituri, u dwar sekwestru internazzjonali ta' minuri,**

   għandu jiġi interpretat fis-sens li:

   l-awtorizzazzjoni ġudizzjarja, mitluba f'isem wild minuri residenti abitwalment fi Stat Membru, għall-bejgħ tal-ishma li dan il-wild għandu fi proprjetajiet immobbli li jinsabu fi Stat Membru ieħor taqa' taħt il-qasam tar-responsabbiltà tal-ġenituri, fis-sens tal-Artikolu 1(1)(b) ta' dan ir-regolament, sa fejn din tikkonċerna l-miżuri ta' protezzjoni msemmija fil-paragrafu 2(e), ta' dan l-artikolu, b'tali mod li, skont l-Artikolu 7(1) tal-imsemmi regolament, huma l-qrati tal-Istat Membru li fih il-wild jirrisjedi abitwalment fil-mument li fih il-qorti hija adita li, bħala prinċipju, għandhom ġurisdizzjoni sabiex joħorġu tali awtorizzazzjoni.

2) **Fid-dawl tal-motivi preċedenti, ir-risposta għat-tielet domanda għandha tkun li l-Artikolu 351 TFUE għandu jiġi interpretat fis-sens li jirregola r-relazzjonijiet ta' trattat konkluż bejn Stat Membru u Stat terz wieħed jew iktar qabel id-data tal-adeżjoni ta' dan l-Istat Membru mal-Unjoni Ewropea mar-Regolament 2019/1111 peress li dan it-trattat, għalkemm ma huwiex imsemmi fil-Kapitolu VIII ta' dan ir-regolament, jagħti drittijiet li Stat terz parti għall-imsemmi trattat jista' jeżiġi l-osservanza tagħhom mill-Istat Membru kkonċernat. Fil-każ ta' inkompatibbiltà bejn tali trattat u r-Regolament 2019/1111, li ma jistax jiġi evitat minn qorti ta' dan l-Istat Membru fil-kuntest ta' proċedura pendenti quddiemha li taqa' taħt qasam irregolat kemm minn dan it-trattat kif ukoll minn dan ir-regolament, din il-qorti tista' tapplika r-regoli tal-imsemmi trattat għad-detriment ta' dawk stabbiliti mill-imsemmi regolament, sakemm il-miżuri neċessarji sabiex tiġi eliminata din l-inkompatibbiltà ma jkunux daħlu fis-seħħ, filwaqt li jiġi ppreċiżat li l-imsemmi Stat Membru għandu jirrikorri għall-mezzi kollha xierqa għall-finijiet tal-adozzjoni u tal-implementazzjoni ta' tali miżuri.**

Firem